Katald, jaħasra, sab ruħu fl-istess baħar. Biex ma jiksirx lil sieħbu ħaseb li jmur bilġri Ħal-Tarxien fejn kien ftihem ma' xerrej li jbegħlu l-mogħoż u jgħidlu li milli qalu ma kien hemm xejn. Sabu u tarraflu li l-bejgħ ma satax isir. Dak tfantas u għajjat u ġabar in-nies u ma sikitx qabel ma Katald daħħal idu fil-but u telaq lira jew tnejn f'id ix-xerrej u f'id dak li kien daħal jagħmilha ta' ħuttab.

Ġibtha qastna, qal Katald, imma xejn ma ġara għax sieħbi Pawlu sata' jżomm kelmtu. Ħrigt ftit ta' kukrumbus imma għal ġieħ ta' Pawlu kollox sewwa.

Iltaqgħu għal għaxiet in-nhar fil-maqjel, it-tnejn bix-xewqa li jafu l-għala l-mogħoż kienu għadhom hemm iżda ħadd ma ried isaqsi lil sieħbu. Fl-aħħar Pawlu dar fuq il-mogħoż u qal donnu lilhom u donnu lil Katald: "Għal mita nerħulha għal għand ix-xerrej ?"

—Jien bi ħsieb li kont ħadthom int Pawl; ma bsortx li nsibhom hawn il-bhejjem !

—Mela jien nbigħhom mita naf li int ftehemt biex tneħħihom ?

—Kif ? jien l-anqas begħethom mħabba filli int kont ftehemt ma' xerrej.

Hawn flok li ħabtu għal xulxin infexxew it-tnejn f'daħka kbira, għax f'daqqa waħda ntebħu t-tnejn x'kien ġara. Sakkru l-bieb tal-maqjel u telqu lejn ir-Rabat. Fit-triq qabdu jirraġġaw, jitlegħbu, jinbxu lil xulxin; kien dak kollu li xtaqu jgħidu u ma jafux kif, il-ferħ li t-tnejn ħarġu ta' rġiel mal-flien.

It-tnejn ħallsu qares il-kelma li kisru, iżda it-tnejn ħassew li l-mogħoż baqgħu tagħhom, li ma nfirdux u la mil-merħla u la minn xulxin u lanqas minn pajjiżhom; bħal żewġt itfal ħassewhom ferħana u marru ħadu qatra għand tal-ħanut. Pawlu qabel xorob ċekċek it-tazza ma' dik ta' Katald u b'nofs demgħa f'għajnejh qal: "Bis-saħħa tal-merħla". Fil-ħanut ma kienx hemm ħadd għax kieku Katald ma kienx igħid: "Smajtx, li kien il-kliem ġawhar aħjar is-skiet minnu, iżda aħna nitkellmu ftit wisk. Għid is-sew kemm qamitlek dil-biċċa rġulija ? lili qamitli żewġ liri, biex trid tkun taf."

—"Mela ħlist b'orħos minni, ħej, għax jien lil xbini kelli ndoqqlu ħames liri".

—"Għid is-sew" ? qal Pawlu." Kemm tibża' għal flusek." Ara li mil-lum il-quddim nagħmlu kif kienet tgħid dejjem ziti Vangiela: "Ta zaqqi f'fommi għax bint ommi". U hekk naħbtu orħos jekk m'hux aħjar.

U ħadu qatra oħra u baqgħu xirka u baqgħu Malta.

**T. Z.**

# TLIET GĦANJIET

Għandi ġe' qalbi tliet għanjiet moħbija
li ngħanni qatt ma ridt u qatt ma stajt;
għanjiet minsuġa mal-ġrajjiet ta' ħajti,
għanjiet li għexthom u ġe' sidri rfajt.

Waħda tixbaħ lill-għanja tal-agħsafar
meta tħaddar l-egħlieqi u l-ġonna tfuħ,
u l-ħajja tikber ma' kull xemx li titla,'
u l-ħajja ġdida tħoss tal-hena r-ruħ.

Tixbaħ it-tieni lit-tnehid tal-baħar
meta f'lejla mudlama jqumu r-rjieħ,
u l-ħalel tasal qishom dwieb maħruba
u jqanqlu l-ħama li jkun hemm fil-qiegħ.

L-oħra tixbaħ lill-għanja tal-ħaddiema
li max-xemx nieżla jerġgħu lejn id-dar,
miksur leħenhom, iżda qalbhom siekta,
għax id-dmir tagħhom kellu jsir kif sar.

**Dun Karm.**

Mejju, 1930.